MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 393/2002/1

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**George Zahra**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,670.31) bilanc minn somma akbar imhallsa lill-konvenut indebitament bhala Ghajnuna Socjali ghal Disimpjieg ghall-perjodu bejn it-3 ta' Mejju, 1997, u t-2 ta' Ottubru, 1998, u dan peress illi mart il-konvenut, Doris, bdiet tahdem fl-1 ta' Mejuu, 1997, bi qliegh u l-konvenut naqas li jirraporta dan lill-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Gunju, 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta'

l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------